# Is-sigurtà soċjali f'Malta



Minn MARK MUSÙ,
Direttur għall-Iżvilupp Strateġiku u Relazzjonijiet Internazzjonali – Diviżjoni tas-Sigurtà Soċjali

MIL-LUM se nibdew nippubblikaw din il-paġna ta' tagħrif ġenerali dwar is-sigurtà soċjali f'Malta. L-għan tiegħi hu li mhux biss inżid l-għarfien dwar is-sigurtà soċjali f'pajjiżna, imma wkoll li nkun ta' servizz billi nwieġeb xi mistoqsijiet tagħkom il-qarrejja.

Huwa importanti li l-mistoqsijiet ikunu dwar materji ta' interess ġenerali u mhux dwar każi privati jew personali. Dan minħabba li jien prekluż mill-Att dwar il-Protezzjoni tad-Data u mill-Att dwar is-Sigurtà Soċjali milli nagħti tagħrif personali lil terzi persuni.

Minbarra hekk, l-għan tiegħi huwa li kemm bl-informazzjoni li jien se nkun qed inwassal permezz ta' din il-paġna kif ukoll bis-saħħa tal-mistoqsijiet tagħkom inkun nista' nitfa' aktar dawl u nżid l-għarfien taċ-ċittadini fuq is-sistema tagħna tas-sigurtà soċjali.

## Is-sigurtà soċjali f'Malta (1530-1885)

Biex nibda din ir-rubrika, ħa nsejħulha hekk, ħsibt li nagħti ħarsa ħafifa lejn l-istorja tas-sigurtà soċjali f'pajjiżna. Forsi ħafna jafu l-istorja tas-sigurtà soċjali mis-snin 50 'l hawn – is-snin li fihom twieldet is-sistema tas-sigurtà soċjali kif nafuha llum. Min għandu 'l fuq minn 60 sena għex l-iżvilupp tas-sigurtà soċjali f'pajjiżna b'mod ħaj, dirett u mill-qrib. Jiftakar it-twelid tal-iskema tas-sigurtà nazzjonali fl-1956 li ssuċċediet il-liġi tal-pensjoni tal-età mhux kontributorja fl-1948. Dwar dawn l-iżviluppi ikolli l-opportunità li nikteb fil-ġimgħat u x-xhur li ġejjin.

Imma forsi ftit hawn min jaf li din l-istorja tmur lura saħansitra sa żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann. Jiġifieri l-ewwel attivitajiet ta' sigurtà soċjali f'pajjiżna imorru lura kważi 500 sena. Fir-realtà, jekk wieħed ma jitkellimx strettament dwar sigurtà soċjali, imma dwar 'welfare' b'mod ġenerali, wieħed jista' jmur anke aktar lura minn hekk. Fil-fatt matul it-tieni millennju, kien hemm diversi filantropiċi Maltin li stabbilixxew fondazzjonijiet tal-karità. Wieħed minn tal-bidu kien l-Isptar tas-Santo Spirito fl-1372 li ma kienx biss jieħu ħsieb lill-morda, imma wkoll lill-fqar.

L-iżvilupp tas-sigurtà soċjali f'pajjiżna kompla fi żmien l-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann f'Malta. Bis-saħħa ta' dokumentazzjoni uffiċjali li teżisti f'pajjiżna kien stabbilit b'mod konklussiv li parti mill-attivitajiet li kienu jagħmlu l-Kavallieri f'pajjiżna kienet tikkonċentra fuq l-għoti ta' assistenza fi flus u in natura (bl-Ingliż 'in kind') lill-fqar u lill-kategoriji oħrajn ta' Maltin u Għawdxin fil-bżonn.

F'dan il-kuntest kellhom sehem importanti l-isptarijiet li waqqfu l-Kavallieri f'Malta u anke xi djar biex iżommu fihom lil nies morda u invalidi li ma kellhomx min idur bihom. Aktar tard, f'madwar nofs l-1600, il-Kavallieri waqqfu ukoll il-korpi tagħhom tal-karità li permezz tagħhom intensifikaw is-servizzi soċjali li kienu qegħdin jagħtu f'pajjiżna.

## Is-sigurtà soċjali f'Malta (1885-1955)

Fl-1885 kien introdott l-ewwel benefiċċju imħallas mill-Gvern bi dritt. Dan il-benefiċċju kien f'forma ta' pensjoni għall-membri tal-Korp tal-Pulizija li kien jitħallas bħala parti minn skema li twaqqfet apposta għalihom. Wara l-pulizija kien imiss lill-membri tas-servizz ċivili li bdew igawdu minn skema simili.

Il-miżuri tas-sigurtà soċjali kif nafuhom illum bdew jiddaħħlu bl-introduzzjoni tal-Gvern Nazzjonali fl-1921 u sistematikament tkabbru matul is-snin. Wieħed jista' jgħid li dawn l-iżviluppi kienu qegħdin iseħħu fl-istess żmien li fl-Ewropa kien qed jitwieled il-kunċett tal-Istat Soċjali, jew kif jafuh ħafna l-Welfare State. Dan il-kunċett jaf it-twelid tiegħu lill-ekonomista Keynes li wara l-kriżi ekonomika fl-1929 ippropona soluzzjoni li kienet taħseb għal investimenti kbar mill-pubbliku.

Għalkemm l-ewwel liġijiet ta' assistenza soċjali fl-Ewropa kienu jmorru lura sal-1880 fejn fl-Ingilterra kien hemm dik li kienet tissejjaħ il-Liġi tal-Fqar, kellu jkun il-Membru Konservattiv Ingliż Lord Beveridge li fl-1934 irranġa sistematikament din il-liġi, ipprovda servizzi soċjali oħrajn mill-Istat u b'hekk wassal għall-ħolqien tal-Welfare State.

Inevitabilment, b'Malta kolonja tar-Renju Unit, ma setax jonqos li dak li kien qed jiġri fl-Ingilterra jinfluwenza l-iżviluppi f'pajjiżna, bl-istess Lord Beveridge jagħmel ukoll rapport dwar is-sitwazzjoni f'Malta. Ftit ftit bdejna naraw diversi inizjattivi u miżuri, uħud qabel ir-rapport Beveridge u oħrajn wara, li wasslu għat-twelid tal-Welfare State f'Malta f'nofs is-snin 50.

Fl-1927 kien introdott l-Att dwar il-Pensjonijiet għar-Romol u l-Iltiema, li kien jipprovdi għal ħlas ta' pensjoni lir-romol u t-tfal ta' impjegati pubbliċi wara mewthom.

Fl-1929, kienet introdotta l-ewwel skema kontributorja li kienet tipprovdi benefiċċju għal perjodu qasir ta' żmien għal min ikorri fuq ix-xogħol. Dan kien possibbli bis-saħħa ta' l-Att dwar Kumpens għall-Ħaddiema. Li kien interessanti f'dan l-iżvilupp kien li għall-ewwel darba ddaħħal il-kunċett ta' ħlas mandatorju ta' kontribuzzjonijiet fuq bażi 'tri-partite' bl-impjegat, min iħaddem u l-Istat iħallsu sehem indaqs f'kontribuzzjonijiet li kienu jmorru f'fond apposta biex l-iskema tibqa' vjabbli. Rajna għalhekk għall-ewwel darba l-introduzzjoni tal-kunċett tas-sigurtà nazzjonali f'pajjiżna.

Matul dawn is-snin bdew ifaqqsu wkoll assoċjazzjonijiet żgħar privati ('guilds'), dak iż-żmien magħrufin fostna bħala 'mutuo soccorso' li kienu esklussivi għal gruppi ta' ħaddiema speċifiċi, fi kliem ieħor assoċjazzjonijiet ta' ħaddiema bl-istess snajja' li kienu jiġu fformati biex jipproteġu l-interessi reċiproċi tagħhom (fost dawn l-interessi kien hemm is-sigurtà soċjali) u fl-istess ħin iżommu l-livell tal-isnajja' tagħhom għoli.

Kellhom jgħaddu kważi 20 sena, imma, biex fl-1948 il-Gvern idaħħal f'pajjiżna l-Att dwar il-Pensjoni tal-Età. Dan l-Att kien jipprovdi għall-ħlas ta' pensjoni lil min jagħlaq is-60 sena. F'dan il-każ, il-ħlas ta' din il-pensjoni ma kienx jiddependi fuq il-ħlas ta' kontribuzzjonijiet, imma fuq test tal-mezzi. Dan l-Att kien il-preludju għall-iżviluppi kbar li seħħew f'nofs is-snin 50, li bihom iddaħħlu fis-seħħ żewġ liġijiet importanti u li effettivament immarkaw it-twelid tal-Welfare State kif nafuh illum – l-Att dwar l-Assistenza Nazzjonali u l-Att dwar is-Sigurtà Nazzjonali, li t-tnejn li huma ddaħħlu fl-1956.

Se nieqaf hawn għal-lum, iżda ġimagħtejn oħra nkompli din il-mixja storika billi nagħti ħarsa lejn l-iżviluppi ewlenin li seħħew mill-1956 'il quddiem.



▲ L-istorja tas-sigurtà soċjali Maltija tmur lura saħansitra sa żmien il-Kavallieri, kważi 500 sena ilu

● Issa ngħaddi għall-ewwel mistoqsija li rċevejt u li bħalissa hija topika ħafna. John Grech minn Birkirkara staqsa: "Il-Gvern fl-aħħar Baġit ħabbar li ż-żieda għall-għoli tal-ħajja lill-pensjonanti se tingħata sħiħa. Madankollu r-rata tal-pensjoni tiegħi – u ta' kull min naf – qiegħda tiżdied biss b'żewġ terzi taż-żieda għall-għoli tal-ħajja. Tista' tispjegali għaliex dan?"

L-ewwelnettnirringrazzja lis-Sur Grech tal-mistoqsija tiegħu għax huwa importanti ħafna li nispjegaw x'qed jiġri. Tajjeb li nibda billi nispjega li l-mekkaniżmu użat fl-aġġustament tal-pensjonijiet kollha mħallsin taħt l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali huwa bbażat fuq il-prinċipju taż-żewġ terzi. Fi kliem ieħor, bħala bażi, il-pensjonijiet kważi kollha mħallsin taħt dan l-Att jiżdiedu kull sena b'żewġ terzi taż-żieda għall-għoli tal-ħajja.

Dan il-prinċipju joħroġ b'mod naturali mid-dispożizzjonijiet tal-Pensjoni taż-Żewġ Terzi li kienu ddaħħlu fl-1979 u li għall-ewwel darba kienu daħħlu l-kunċett ta' pensjoni li r-rata tagħha kienet direttament marbuta mad-dħul mill-impjieg tal-pensjonant, eżattament rata li normalment tkun ekwivalenti għal żewġ terzi tad-dħul pensjonabbli. Dwar din il-pensjoni jkolli l-okkażjoni li nikteb fil-ġimghat u x-xhur li ġejjin u nidħol f'aktar dettal dwar kif tinħadem u kif isiru l-aġġustamenti tagħha kull sena.

Issa, kif qal tajjeb ħafna dan il-qarrej, il-Gvern fil-Baġit ħabbar li ż-żieda għall-għoli tal-ħajja lill-pensjonanti se tingħata sħiħa. Fil-fatt, dan ilu jiġri mill-2008 u l-istess se jiġri din is-sena. Biss din iż-żieda sħiħa qiegħda tingħata f'żewġ partijiet. L-ewwel parti hija ż-żieda proprja li tingħata kull sena, jiġifieri ż-żewġ terzi tal-għoli tal-ħajja. Din kienet u għadha titħallas kif kien jiġri qabel, jiġifieri, kif anke nnota s-Sur Grech, fir-rata tal-pensjoni. Dan jindika l-mekkaniżmu li semmejt fuq għall-aġġustament tar-rati tal-pensjonijiet.

It-terz l-ieħor qed jitħallas f'forma ta' bonus li teknikament qed jissejjaħ Bonus għall-Għoli tal-Ħajja li jitħallas darba fil-bidu ta' kull sena u li jkun ikopri l-ħlas dovut f'dik is-sena partikolari. Għall-benefiċċju tal-pensjonanti ngħid li dan il-bonus ġieli jkun indikat ukoll bħala "CLBO" ('Cost of Living Bonus') fil-pagament tal-pensjoni u kif għidt jiġi muri separatament mill-pensjoni proprja.

Tajjeb li nispjega wkoll li fil-każ ta' pensjonanti li jirċievu l-Pensjoni Minima Nazzjonali u jitħallsu r-rata ta' persuna miżżewġa, il-Bonus għall-Għoli tal-Ħajja li dawn jitħallsu m'huwiex ekwivalenti għal terz, imma għal kwint (20%) taż-żieda għall-għoli tal-ħajja. Dan minħabba li skont kif huwa pprovdut fl-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, ir-rata tal-Pensjoni Minima Nazzjonali ta' persuna miżżewġa ma tiżdiedx b'żewġ terzi, imma b'erba' kwinti (80%) taż-żieda għall-għoli tal-ħajja.

Huwa importanti li nispjega wkoll li dan il-bonus huwa akkumulattiv. Jiġifieri, għal min kien pensjonant fl-2008 jew qabel, il-Bonus għall-Għoli tal-Ħajja li se jitħallas din is-sena se jkun jinkludi fih it-terz tal-għoli tal-ħajja (jew il-kwint skont il-każ) tal-2008, tal-2009 u tal-2010. Dan isegwi dak li kien ġara s-sena l-oħra meta dan il-bonus kien inkluda fih it-terz (jew kwint) tal-għoli tal-ħajja tal-2008 u tal-2009. Din it-tabella t'hawn taħt turi r-rata fil-ġimgħa tal-Bonus għall-Għoli tal-Ħajja li se jkun qed jitħallas matul din is-sena.

| KATEGORIJA | Pensjoni Minima Nazzjonali - rata ta' persuna miżżewġa CLBO* € (fil-ġimgħa) | Kull pensjoni oħra CLBO* € (fil-ġimgħa) |
|---|---|---|
| Saru pensjonanti fl-2008 jew qabel | 2.68<br>0.70 ('08) + 0.82 ('09) + 1.16 ('10) | 4.47<br>1.17 ('08) + 1.36 ('09) + 1.94 ('10) |
| Saru pensjonanti fl-2009 | 1.98<br>0.82 ('09) + 1.16 ('10) | 3.30<br>1.36 ('09) + 1.94 ('10) |
| Saru pensjonanti fl-2010 | 1.16 | 1.94 |

***Bonus għall-Għoli tal-Ħajja**

Kif qed jidher f'din it-tabella wkoll, min sar pensjonant matul l-2009, il-bonus li jitħallas din is-sena jinkludi fih it-terz (jew kwint) tal-għoli tal-ħajja tal-2009 u tal-2010. Fl-istess waqt min se jkun qed isir pensjonant għall-ewwel darba matul din is-sena se jirċievi t-terz (jew kwint) relattiv tal-għoli tal-ħajja għal din is-sena.

Dan qed isir biex ikun żgurat li l-pensjonant jibqa' jżomm it-terz (jew il-kwint skont il-każ) tal-għoli tal-ħajja sena wara l-oħra, anke jekk dan mhux jitħallas direttament fir-rata tal-pensjoni.

*Staqsi lis-Sur Mark Musù billi tikteb lil:*

***Paġna Sigurtà Soċjali, l-orizzont,***
***A41 Qasam Industrijali, Marsa, MRS3000***

*inkella b'imejl bis-suġġett "Paġna Sigurtà Soċjali" fl-indirizz* ***ittri@unionprint.com.mt****. Il-mistoqsijiet iridu jkunu ta' interess ġenerali, mhux każi privati jew personali.*

*IMPORTANTI: L-informazzjoni f'din ir-rubrika mhix intenzjonata li titqies bħala parir legali dwar xi drittijiet għal kwalunke benefiċċju soċjali jew materja oħra ta' sigurtà soċjali. L-għan tagħha huwa purament u unikament biex tingħata informazzjoni ġenerali dwar is-sistema tas-sigurtà soċjali f'Malta. Għal aktar tagħrif tista' żżur il-websajt www.msp.gov.mt, tibgħat imejl fl-indirizz social.security@gov.mt, tista' tmur f'wieħed mill-uffiċċji distrettwali tad-dipartiment f'Malta u Għawdex jew iċċempel fuq in-numru 159.*